# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf













BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 77 Novembru - Diċembru 2006



# X'għandna?


editorjal 2
aħbarijiet 3
X'għandna mid-dinja? 4
X'se Naraw? 5
attività 6
ittra 6
gallerija 7
il-balluta 7
Falko 8
Injam u Njam 9
Sibtha fix-Xibka! 10
Daħħal membru 10
ħotspots: ETOSHA 11
Pitazzi ġodda 12




ritratt ta' Alison Buttigieg



# Ħej Ħuttaf!

Kultant noqgħod noħlom kif tista' tkun Malta jekk il-Maltin tal-futur isiru veru jħobbu l-ambjent...

Min jaf, forsi fil-futur biċċa kbira minn Malta u biċċa kbira minn Għawdex isiru park nazzjonali fejn in-natura, il-beraħ u l-veduti jkunu mħarsin għal dejjem.

Forsi xi darba f'Malta ma jibqax kaċċaturi u nassaba, u l-għasafar kollha li jiġu Malta jkomplu l-vjaġġ tagħhom bla ma joqtolhom jew jaqbadhom ħadd.

Forsi xi darba l-ispanjulett, il-bies, il-barbaġann, iċ-ċawla, it-tellerita, il-ġojjin, l-isponsun, il-huttafa, il-gamiema, il-kokka tax-xagħri, id-daqquqa kaħla, ir-rundun u s-summiena (jerġgħu) jibdew ibejtu regolari fil-kampanja Maltija. U forsi xi bies tar-reġina ma' l-irdum...

Forsi fil-futur ikollna trasport publiku tant tajjeb li kulħadd jibda juża lilu u jħalli l-karozza d-dar.

Forsi fil-futur il-Maltin jitgħallmu li karozza żgħira u ekonomika taqdik u twasslek daqs karozza kbira li tlegleg il-petrol.

Forsi xi darba l-bini kollu ta' Malta jkollu solar panels fuq il-bejt ħalli ħafna elettriku jibda ġej mix-xemx u mhux mill-pawer stejxin.

Forsi xi darba jispiċċaw il-karozzini. Forsi għad jispiċċaw l-ispettakli bid-dniefel.

Forsi fil-futur l-iskejjel kollha ta' Malta jkunu jużaw karta riċiklata. U forsi l-gvern jieħu din l-idea u jġiegħel lid-dipartimenti kollha jagħmlu l-istess.

Forsi xi darba jitneħħew il-bilbords kollha li qed ikerrhu t-toroq u l-veduti tal-kampanja. U magħhom forsi jitilqu l-ħafna tabelli b'messaġġi stupidi, arbli żejda tad-dawl u imbarazz ieħor bla bżonn. Forsi flokhom xi darba jitħawlu ringieli ta' siġar: żnuber, ballut, luq, żebbuġ, ħarrub...

Forsi xi darba l-Maltin jerġgħu jitgħallmu jibnu bis-sens u għall-bżonn, u mhux għad-dehra biss, u forsi xi darba jwaqqgħu l-mostri li qed jinbnew daż-żmien.

Insomma għalissa daqshekk ħolm u forsijiet! Nixtiqilkom il-Milied u s-Sena t-Tajba, lilkom u lill-familji tagħkom.



**Victor Falzon** L-Editur



Iż-**żnuber** (aleppo pine *Pinus halepensis*) hija probabbli siġra indiġena, jiġifieri kienet tikber Malta minn qabel ma ġie l-bniedem. Jekk xi darba kien hawn foresti sħaħ tagħha, dawn inqatgħu kollha maż-żmien. Imma f'dawn l-aħħar 50 sena tħawlu eluf oħra u llum għandna msaġar sħaħ ta' żnuber, bħall-Miżieb ħdejn ix-Xemxija. Iż-żnuber jgħidulha wkoll siġra tal-prinjol.


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Matthew Borg Cardona, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Kathleen Mamo.



indirizz BirdLife Malta 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali, u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Diċembru 2006 • Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Ritratt ta' quddiem: Żnuber, ritratt ta' Desirée Falzon
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


Klabb Ħuttaf

**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**

# Għaxar punti għax-Xagħra

Il-kors tal-golf li kienu qed jgħidu li se ssir fil-beraħ tax-Xagħra l-Ħamra mid-dehra mhux se ssir. Għall-erwieħ! Ix-Xagħra l-Ħamra mhux korsa tal-golf għandna bżonn, imm dawn l-affarijiet:

- Jitilqu d-duri tal-kaċċa li l-post infestat bihom.
- Jitneħħew l-imnasab u l-flora titħalla terġa' tikber forsi ssewwi l-ħsara u t-tqaċċit bl-addoċċ tan-nassaba.
- Jitneħħew is-siġar u l-arbuxxelli aljeni[1] (bħall-akaċja).
- Tingħata tindifa papali mill-muntanji ta' skart li hemm.
- Jiġu mmarkati mogħdijiet għall-passiġġati.
- Jinqata' l-aċċess għall-karozzi f'ħafna mill-area - bħalissa kulħadd isuq u jgħaffeġ u jipparkja fejn irid.
- Isir studju tal-flora u tal-fawna tal-post.
- Jitwaqqfu xi tabelli li jispjegaw il-varjetà naturali u tagħrif ieħor interessanti, eż. ħabitati, ġeoloġija.
- Jitqiegħdu gwardjani għassa għal kontra l-vandaliżmu.
- Il-post jiġi protett u dikjarat park nazzjonali flimkien ma' l-area kollha tal-madwar, bl-irdum u bil-baħar b'kollox.

**HEKK jixirqilha x-Xagħra l-Ħamra!**



Dawn ftit mill-membri li marru l-ħarġa għax-Xagħra l-Ħamra fit-12 Nov 2006. Bħas-soltu, ħadna gost u gawdejna ftit beraħ, paċi, natura u arja nadifa.

Kathleen Mamo



Smajna li par **blonġuni żgħar** (little grebe) fir-riserva Is-Simar reġgħu qed iġorru ħaxix u materjal. Dan is-soltu jfisser li qed jaħsbu biex jibnu l-bejta. Nawgurawlhom li jerġgħu jagħtuna xi tliet flieles bħalma tawna dis-sena. Kif jgħidu bl-Ingliż: fingers crossed!

# DisastAIR GOZO

L-inkwiet għall-ambjent ma jaqta' xejn. Kulħadd donnu jrid jisraq felli mill-kampanja. Erġajna qed nisimgħu bir-ranwej f'Għawdex. Iridu jbellgħu-hielna li Għawdex għandu bżonn l-ajruplani. Imma raġuni waħda sura s'issa għadhom ma tawx. Għawdex la għandu bżonn ajruplani u wisq inqas għandu bżonn jitlef medda oħra enormi ta' art.



# Marru b'wiċċ il-ġid!



Victor Falzon

Dawk iż-żewġ fjamingi li ġibna f'Il-Ħuttafa 76 b'xorti tajba telqu b'wiċċ il-ġid. Nhar is-Sibt 7 Ottubru 2006 filgħodu l-gwardjan ta' l-Għadira Charles Gauci raħom itiru mir-riserva u jiġbdu għal fuq il-baħar lejn il-Ibiċ. B'kollox kienu damu l-Għadira 10 ijiem.

Aħna nittamaw li dawk iż-żewġ tajriet sbieħ ingħaqdu ma' eluf oħrajn minn sħabhom u bħalissa qed jgħaddu x-xitwa f'xi salini kbar fit-Tuneżija.

[1]**aljeni.** Pjanti jew annimali li ġabhom il-bniedem minn artijiet oħrajn . Le hawnhekk ma tfissirx nies żgħar minn pjaneti oħra!!






# Reġa' nstab!

Reġa' nstab il-**Caatinga Woodpecker**. Tant kien ilu ma jidher li kienu ħasbuh sparixxa minn wiċċ id-dinja.

Advaldo do Prado, studjuż ta' l-għasafar, kien qiegħed dan l-aħħar fl-inħawi Tocatins, fil-Brażil Ċentrali, meta ra mill-ġdid dan l-għasfur. Dan il-woodpecker kien deher l-aħħar fl-1926. Tmenin sena ilu!

B'xorti ħażina, ħafna mir-reġjun ta' Tocatins qed jintradam taħt biedja (trobbija ta' baqar biex isiru ħambergers!) u toroq ġodda. Jekk dan l-iżvilupp ma jikkontrollawhx, il-Caatinga Woodpecker *Celeus obrieni* jista' jisparixxi verament.

F'Malta m'għandniex woodpeckers għax m'għandniex foresti. Imma jiġi l-bulebbiet, li huwa kuġin tagħhom.

# Qed jiżdiedu l-foresti...

Nisimgħu ħafna kemm qed jonqsu l-foresti fid-dinja. Tafu li fl-Ewropa qed jiġri bil-maqlub? **Fl-Ewropa l-foresti qed jiżdiedu**!

Mela, u dan qed jiġri għax f'ħafna pajjiżi Ewropej fejn jinqatgħu siġar għall-injam, il-liġi ġġegħelhom iħawlu aktar siġar milli jaqtgħu. B'hekk kull sena l-area ta' foresti fl-Ewropa qed tikber b'xi 9000km$^2$, jiġifieri medda art daqs Ċipru (kważi 30 darba daqs Malta).

Kemm hi ħaġa sabiħa taqra aħbarijiet sbieħ fuq l-ambjent!





# ...u jinfirxu l-għadajjar!

Mhux soltu nisimgħu aħbarijiet sbieħ mill-Iraq. Imma għandna waħda għalikom. Qed jerġgħu jingħataw il-ħajja l-**għadajjar famużi ta' Mesopotamja**.

Sa 30 sena ilu fl-Iraq kien hemm l-ikbar marshland[1] tal-Lvant Nofsani. Marshland tkun art mifqugħa bl-ilma fejn jikbru pjanti bħal qasab u simar li jħobbu dat-tip ta' ambjent. L-ilma jkun mimli ħajja u ħut, u dan jiġbed eluf ta' għasafar. Imma fit-1980ijiet Saddam Hussein mela l-post bid-digi u bil-kanali u nixxef dil-ġenna ta' l-art. L-ilma tax-xmajjar Firat u Tigris ma baqax ġej, l-għadajjar nixfu, miet il-ħut u għosfru l-għasafar. Diżastru ambjentali sħiħ.

Meta twarrab Saddam fl-2003, in-nies megħjunin minn proġett tal-Ġnus Magħquda, kissru d-digi u reġgħu ħallew l-ilma tax-xmajjar jinfirex fl-artijiet nixfin. Il-proġett irnexxa u llum diġà mtlew nofs il-marshlands ta' dari u reġa' qed jitfaċċa t-tajr. Ir-restawr ta' dan l-ambjent qed jitħallas l-iktar mill-Ġappun u mill-Italja. Aħna nifirħu lin-nies ta' l-Iraq u lill-pajjiżi li qed jgħinuhom f'dal-proġett.

[1]**marshland.** Bil-Malti m'għandniex kelma eżatta għal dan it-tip ta' ambjent, forsi għax f'pajjiżna dan l-ambjent bilkemm jeżisti. Hawn min isejjaħlu **bur**, imma bur huwa iktar art bil-ħaxix (meadow jew grassland) milli post bl-ilma. Kelma oħra hija **art bassasa**. Ma nafx, lili ma tantx togħġobni dil-kelma! L-editur.

# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu l-għasafar






## il-kapinera

blackcap Sylvia atricapilla

Il-kapinera mhix xi għasfur li taraha wisq, l-ewwelnett għax żgħira, it-tieni ma tantx għandha kuluri jispikkaw u t-tielet għax tħobb tistaħba qalb il-weraq folt tas-siġar.

Is-soltu l-ewwel ma tinduna li għandek kapinera fil-ġnien huwa mill-għajta qasira *Ċekk!...Ċekk!...Ċekk!* li din tagħmel minn qalb il-frieghi. Jekk toqgħod tosserva bil-paċenzja, għandu mnejn titfaċċalek u taraha. Il-kapinera hija griża kollha, imma fuq rasha għandha bħal beritta pulita sewda (fir-raġel) jew kannella (fil-mara).

Il-kapinera tiġi Malta fil-ħarifa u spiss toqgħod magħna x-xitwa. Jekk imbagħad din issib pjanta tal-liedna tkun fis-seba' sema!

(*Għasafar Madwarna* p 41)

## il-blonġun sekond

black-necked grebe *Podiceps nigricollis*

Jekk tarah mill-bogħod taħsbu borka[1] żgħira għax hekk qisu - għasfur żgħir jifflowtja f'wiċċ l-ilma bħal dgħajsa. Imma jekk tħares lejh sew bi tromba taralu dak il-munqar irqiq u tinduna li dan mhu borka xejn.

Il-blonġun sekond huwa l-fustani minn tliet speċi ta' blonġuni li jżuruna. Iħobb l-għadajjar, għalhekk l-aħjar biex tarah huma fir-riservi naturali ta' l-Għadira jew tas-Simar. Hemmhekk jaf jgħaddi x-xitwa kollha, għal qalbu jogħdos għall-ħut li huwa l-ikel tiegħu.

Bħal daż-żmien ir-rix tal-blonġun sekond ikun bil-kuluri tax-xitwa - iswed, griż u abjad.

(*Għasafar Madwarna* p 6)

[1]**borka**. L-isem li nagħtu lill-papri selvaġġi.




Jekk għandek Internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org,** klikkja KLABB ĦUTTAF, imbagħad klikkja X'SE NARAW? u ssib iktar ritratti taż-żewġ għasafar u anke tisma' l-ħsejjes jew l-għana tagħhom. Grazzi lil Denis Cachia, il-webmaster tal-BirdLife.

L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna*** (fil-ktieb qegħdin bil-kulur). Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u stampi bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U jiswa **Lm2.05** biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed.

attività



Victor Falzon

F'pġ 4 qrajna kif fl-Ewropa qed jinfirxu l-foresti. Dawn qed jinfirxu bil-miljuni ta' siġar li qed iħawlu n-nies. Il-BirdLife ukoll għandha proġetti ta' taħwil. L-ikbar wieħed jismu Foresta 2000, li qiegħed ħdejn l-Għadira. S'issa hemmhekk diġà ħawwilna xi 10,000 siġra, imma baqa' eluf oħrajn x'inħawlu.

Kif issa saret drawwa ta' kull sena, aħna tal-Klabb sejrin ngħinu ftit fit-taħwil. Mela...

# tlaqna nħawlu!

Data: **Il-Ħadd 7 Jannar 2007**
Niltaqgħu: **fid-daħla tar-riserva ta' l-Għadira**
Ħin: **9am** (nispiċċaw xi nofsinhar)
Età: **kulħadd** (ġenituri merħba)
Tilbsux żarbun bit-takkuna :-)

# FTAKAR

Kull sena li inti ġġedded il-miżata fi Klabb Huttaf aħna nibagħtulek

**poster kbir bil-kulur**

mis-sensiela
*Ħieles, Ħaj u Sabiħ!*
Kull sena l-poster ikollu għasfur differenti.
Did-darba l-għasfur huwa russett tas-siġar




## ittra

Għażiż Editur,

Nixtieq nawguralkom tal-magażin tagħkom li jżommni aġġornat dwar dak li qed jiġri fl-ambjent Malti. Hija idea tajba li tieħu ħsieb pajjiżek biex ikollok pajjiż nadif. Ċerti persuni jgergru li għandna pajjiż maħmuġ u jkunu huma l-ewwel nies li jħammġuh. Ma nistax nifhem ukoll kif il-kaċċaturi jaħmlu jaraw l-għasafar niżlin u jmutu quddiemhom. Grazzi mill-qalb talli għamiltu dan il-magażin li jagħti daqshekk tagħlim.

Jekk jogħġobkom għandkom binders għall-kotba ta' Klabb Huttaf?

Jake John Mizzi
Ħaż-Żabbar

*Għażiż Jake John,*

*Grazzi tal-kumplimenti dwar il-magażin. Veru li hawn min igerger u ma jagħmel xejn jew, agħar, iħammeġ hu stess! Importanti li nżommu l-pajjiż nadif, imma l-ħarsien ta' l-ambjent ma jfissirx biss li żżomm in-nadif. Ifisser ukoll li nibżgħu għall-flora u għall-fawna ta' Malta. U għalhekk għandek raġun ukoll dwar li għedt fuq il-kaċċaturi.*

*Rigward il-mistoqsija tiegħek, jiddispjaċini ma nagħmlux binders għall-magażin. Imma idea tajba. Forsi xi darba...*

*L-Editur*

ɪghtulna **tpinġijiet** jew **ritratti** naturali tagħkom (mhux nimali domestiċi) ħalli nġibuhom fil-GALLERIJA.



**ċikonja sewda**
Matthew Scicluna 14



**paletta**
Omar Agius 10



**ċiefa**
Ian Mangion 10



**isfar**
Daniel Farrugia

Jien jgħiduli **sultan iċ-ċawl**. Fl-artijiet fejn ngħix, jiena ngħin biex jinfirxu l-foresti tal-ballut. Jien għandi drawwa nidfen il-ġandar biex naħżnu għax-xitwa - kultant intir sa 5km bogħod mis-siġra fejn inkun ġbartu! Imma tant nidfen ġandar li mbagħad ma niftakarx fejn inkun dfintu kollu, u l-ġandar li ninsa jinbet u jsir siġar. Lili ma tarawnix Malta għax m'għandkom l-imsaġar kbar li nħobb. Forsi xi darba la tkabbru foresti kbar tal-ballut, u teħilsu mill-vizzju tal-kaċċa, nitħajjar niġi ngħix Malta. U ngħinkom tħawlu iktar foresti!

Desirée Falzon



l-ingliż dan għasfur għidulu AY

# Bl-Għeruq u x-Xniexel

## Ħarsa lejn siġar indiġeni ta' Malta



Desirée Falzon

## il-Balluta

holm oak
*Quercus ilex*

Fost is-siġar indiġeni ta' Malta, il-balluta hija importanti ħafna għall-ambjent naturali. Dis-siġra tipprovdi ikel u kenn li ħafna ħlejjaq li jikbru magħha, fiha, fuqha u madwarha. Għalhekk meta nħawlu u nieħdu ħsieb il-ballut inkunu qegħdin ukoll nagħtu ħajja lil ħafna speċi ta' flora u fawna.

Dari l-ballut kien iktar mifrux f'pajjiżna u kien kien jiddomina l-masġar Malti. Imma b'xorti ħażina llum fadal biss ftit imsaġar żgħar naturali tal-ballut. Dawn huma l-Ballut tal-Wardija, il-Ballut ta' l-iMġiebaħ, il-Ballut ta' Wied Ħażrun u l-Ballut ta' Wied il-Bosk (Buskett). Ma' dawn nistgħu nżidu l-Ballut ta' Ras il-Ġebel (Mġarr) u Wied il-Ballut (San Ġiljan).

Il-balluta tibda ħajjitha miż-żerriegħa li bil-Malti ngħidulha ġandra (bl-Ingliż *acorn*). Il-ġandra taqa' mis-siġra lejn tmiem il-ħarifa bidu tax-xitwa. B'hekk il-ġandra taqa' fuq art li tkun issaqqiet biżżejjed mix-xita. Biex tikber, il-balluta trid kundizzjonijiet kennija bħalma nsibu f'xi msaġar. Meta din taqbad l-art tibda tikber u togħla u ssir siġra kbira u dejjem ħadrana. Il-balluta għandha weraq aħdar skur u jleqq minn fuq, u ċar bil-pil minn taħt. It-truf għandhom is-snien qishom serrieq u għandu magħseb[1] żgħir.




Il-ballut jgħix mijiet ta' snin u fil-fatt huwa fost l-ixjeħ siġar li għandna Malta. Fil-Wardija hemm balluta li għandha xi elf sena! Min iħawwel balluta jaf li din ħa tibqa' tgħix ħafna u ħafna snin warajh, anke jekk ħawwilha fi tfulitu!

**Charles F. Grech**, masġâr

[1]**magħseb**. iz-zokk li jgħaqqad il-werqa mal-bqija tas-siġra.

Il-balliju bella' l-bagħal il-batut balbuljata bajd u ballut imballat imbagħad bagħtu jlebbet il-Belt jimbotta bettija bottijiet battâla!



# FALKO

**Żgħażagħ BirdLife Malta**

Stefan Azzopardi, Matthew Borg Cardona, Simon Sultana

attività FALKO





Għeżież Falkuni!

Nibda billi nagħti l-festi t-tajba lilkom u lill-familja tagħkom. Għaddiet sena oħra mimlija b'kull xorti ta' attivitajiet. Night hikes, mixjiet, bike hikes, bird/sea-watching, ir-Raptor Camp, insomma attivitajiet li lilna l-Falkuni dejjem tawna gost u tgħallimna minnhom. Kienet sena illi rajna membri ġodda jattendu l-attivitajiet, għamilna ħbieb ġodda u dħakna flimkien.

Għas-sena l-ġdida għandna maħsubin ħafna attivitajiet oħrajn. Inħeġġiġkom tattendu għax barra li nagħmlu ħbieb ġodda, nitgħallmu wkoll x'toffrilna n-natura. Aħna mhux għasafar biss jinteressawna, imma kollox minn pjanti sa insetti. U jekk waqt xi mixja jkollna ċans inżuru postijiet storiċi, ikollna lil sehibna Simon Sultana (ko-ordinatur Falko) biex jiggwidana f'das-suġġett.

Insomma attivitajiet hemm ta' kull xorta, però ma tkunx attività Falko jekk ma jkollhiex xi naqra avventura magħha! Aħna xemx, xita, riħ, grupp żgħir jew kbir, l-attività xorta nagħmluha. Għalhekk ejjew intom u ħajru lill-ħbieb tagħkom jiġu wkoll.

Narakom l-attività li jmiss!

Matthew

**Matthew Borg Cardona**
Ko-ordinatur Falko

## Ħajk sa l-iMtaħleb

Ħa mmorru nimxi f'uħud mill-isbaħ inħawi tal-kampanja Maltija. Nitilqu mir-Rabat, niġbdu lejn Tas-Salib, imbagħad għall-Baħrija, l-iMtaħleb, Ħad-Dingli u lura r-Rabat.

Data: il-Ħadd **14 Jannar 2007**
Niltaqgħu fid-**9am** is-Saqqajja (Rabat)
Età: **Falko 13+**
Jekk tixtiequ tiġu, ċemplu lil Matthew (99886811) jew lil Simon (79094104).

## Ħajk bil-lejl


Victor Falzon

Ħa nimxuha mir-Rabat sal-Mellieħa bil-lejl. Din waħda minn dawk l-attivitajiet li issa saru tradizzjoni tal-Falko.

Data: il-Ġimgħa **16 Frar 2007**
Niltaqgħu fit-**8.30pm** is-Saqqajja (Rabat)
Età: **Falko 13+**
Jekk tixtiequ tiġu, ċemplu lil Matthew (99886811) jew lil Simon (79094104). Għat-tined ħallu d'idejna.



Matthew Borg Cardona

Għeżież Falkuni, min mhux qed jiġi l-attivitajiet magħna tgħidx x'qed jitlef! Il-ħarġa tal-11 Nov 2006 kienet waħda tal-ġenn: Falko went extreme!

Iltqajna f'xi d-9am fil-pjazza tal-Mosta, erba' membri lesti għall-bike hike mill-Mosta sal-Ġnejna. Qbadna t-triq lejn il-Bidnija biex ngħaddu minn Wied Għajn Riħana li jieħdok lejn iż-Żebbieħ (ħdejn l-iMġarr). Hawn sibna l-ewwel diffikultà għax kellna ninżlu mir-roti biex naqsmu l-wied, imma bil-mod il-mod għaddejna u tlajna mill-wied. Għalkemm kien diffiċli naqsmu bir-roti fl-aħħar biċċa kellna rikumpens: minn wara ħajt tas-sejjieħ inqalgħet venewwa tgħajjat u bil-kuluri jleqqu mar-raġġi tax-xemx.

Komplejna lejn l-iMġarr fejn waqafna ħdejn wieħed mill-eqdem siti arkeoloġiċi ta' Malta: it-tempju ta' Skorba. Wara li ddiskutejna ftit it-teoriji tat-tempji megalitiċi, komplejna l-vjaġġ lejn il-Ġnejna. Imma ma kienx biżżejjed li nieqfu f'dil-bajja sabiħa, ridna nkomplu l-avventura.

Għamilna kuraġġ lil xulxin biex inkomplu, imma ħadd ma immaġina t-triq diffiċli li kellna quddiemna. Fil-punent tal-bajja hemm żona jgħidulha Tal-Pellegrin. Triq lixxa hemmhekk ma tarax, imma ħafna ġebel kbir fejn xulxin li jifforma ambjent jgħidulu steppa ġeblija. Biex għaddejna minn dal-post domna saghtejn. Bir-roti fuq daharna! Imma t-tlajja, it-temp, l-għeja u kull ostaklu li sibna ma waqqfulniex l-avventura. Komplejna naqdfu lejn Fomm ir-Riħ, l-Abatija tad-Dejr, Binġemma u l-iMġarr, u minn hemm lura lejn il-Mosta.

Kienet waħda mil-isbaħ attivitajiet li qatt għamilna. Inħeġġeġ lill-membri li qatt ma ġew attività Falko biex tibdew tiġu taqsmu magħna dawn l-esperjenzi.

Simon Sultana


venewwa




Dan kien riklam għall-bibien li sibnieh f'magażin Malti. Fih jissemma' njam li biex ġabuh inqerdu għal dejjem meded kbar ta' foresti, bil-ħajja kollha ta' ġo fihom. ATTENTI!

Victor Falzon

# Injam u njam

**Għamara, bibien u twieqi ta' l-injam m'hemmx isbaħ minnhom. Tant jagħtu dehra naturali lid-djar tagħna, b'dawk il-vini u ngroppi. Anke għall-ambjent naturali jagħmel ħafna sens li nużaw l-injam għall-għamara. Naħseb qed tgħidu: Kif jista' jkun, għax biex ikollok l-injam trid taqta' s-siġar!**

## Bis-Sens

Għandkom raġun titħawdu, għax veru li l-injam jiġi mill-foresti. Imma jekk għas-siġar li taqta' tpatti billi tħawwel iktar siġar, il-foresti ma jispiċċawx. U fil-fatt dan li jiġri: ħafna mill-foresti li jinqatgħu għall-injam jerġgħu jitħawlu mill-ġdid. Qisu għandek għalqa bil-ħxejjex. Tiżra', tkabbar, taqta' u terġa' tiżra'. Id-differenza li l-foresti jieħdu iktar minn staġun biex jikbru.

L-injam jagħmel ħafna sens li nużawh għax huwa materjal rinovabbli, jiġifieri jekk tħawwel siġar ġodda l-injam ma jispiċċalek qatt. Materjali oħra li nużaw għall-bini u għall-għamara mhumiex rinovabbli: il-metall, il-plastik, il-ġebel, il-ħġieġ, il-konkos eċċ. Barra minn hekk ħafna minn dawn il-materjali ma ssibhomx lesti imma jkunu jridu jinħadmu. Biex dan isir tintuża ħafna enerġija (u tniġġis). Foresta kull m'għandha bżonn biex tikber huwa art, xemx, arja u ilma xita!

Mhux hekk biss, imma huma u jikbru, is-siġar jixkumaw il-carbon dioxide mill-arja u jipproduċu l-ossiġnu li tant għandna bżonn.

## Bla Sens

Imma rridu noqogħdu attenti għax mhux kull injam huwa bis-sens għall-ambjent. Injam li jiġi minn foresti tropikali għandna nevitawh. Għaliex? Għax ħafna foresti tropikali mhumiex jitħawlu mill-ġdid. Jaqtgħuhom u jirvinaw l-ambjent naturali għal dejjem. Din hija qerda ta'l-ambjent. Bla sens!

Għalhekk tajjeb ngħidu lill-ġenituri biex meta nkunu ħa nixtru jew nordnaw għamara ta' l-injam, niċċekkjaw x'injam ikun, u dak tropikali ma nagħżluhx. Jekk ħadd ma jixtrih, il-ħwienet ma jġibuhx u d-domanda għall-injam tropikali taqa'.

> **Evitaw dan l-injam tropikali**
> **iroko • kawba** (mahogany) **• rosewood • teak • wenge • sapele • parana**

Mill-banda l-oħra injam bħal ta' l-abjad, ta' l-aħmar (pine) jew ballut (oak) jiġi minn foresti li jitħawlu mill-ġdid - foresti sostenibbli.

# Sibtha fix-Xibka!

## Websajts fuq in-natura mill-internet

### Sajt għaż-Żgħażagħ

Did-darba se niskopru websajt li tinteressa l-aktar lit-teenagers. F'dis-sajt hemm sezzjoni jisimha *Teen Projects Around the World.* Fiha ssib proġetti interessanti magħmulin minn żgħażagħ madwar id-dinja. Bix-xogħol u l-impenn tagħhom dawn qed jagħmlu ħafna ġid lill-ambjent. Uħud minnhom iffurmaw klabb ambjentali u ħolqu l-websajts tagħhom filwaqt li hemm min qed jagħmel petizzjoni u jiġbor il-firem biex jipproteġi l-foresti f'pajjiżu.

Intom ukoll forsi xi darba titħajru tidħlu għal xi proġett u f'dak il-każ tistgħu tiktbu u tibagħtu r-ritratti tagħkom f'din is-sajt!

**Janet** u **Amy Gerardi**




**Ħu nifs!**

Kull sena fid-dinja jitpejpu total ta' 5.7 triljun sigarett. Jekk tpoġġi dawn is-sigaretti kollha ħdejn xulxin wieħed imiss ma' l-ieħor, toħloq katina mid-dinja sax-xemx u lura. U jibqagħlek biżżejjed għal katina oħra sa Mars!

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi tal-BirdLife**
- **stiker bil-kulur**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta,
flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ______________________

indirizz ______________________

______________________ postcode ______

data tat-twelid ______ telefon ______ imejl ______

Fejn imur skola? ______________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______________________

indirizz ______________________

______________________ postcode ______

membership number ______ telefon ______ imejl ______

Fejn tmur skola? ______________________

Tqattax il-magażin - agħmel kopja!

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**

Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 38 bolla tat-8ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).




kitba u ritratti **Alison Buttiġieġ**

**Ftit ilu tkellimna dwar id-deżert tan-Namib fin-Namibja. Illum ħa nagħtu titwila lejn post ieħor fin-Namibja: ETOSHA, wieħed mill-aqwa parks naturali ta' l-Afrika.**

Mill-ajruplan, jew minn ritratt tas-satellita, m'hemmx fejn titfixkel biex tinduna fejn jinsab Etosha. Dan għaliex terz tal-park huwa salina enormi, li tidher qisha għadira kbira silġ ileqq. Meta taghmel ix-xita s-salina timtela bl-ilma u għal ftit żmien issir popolari ma' l-għasafar tal-passa, speċjalment il-**fjamingi** li f'kundizzjonijiet ideali ibejtu hawn. Però l-ilma malajr jinxef għax ix-xita ma tlaħħaqx ma' l-evaporazzjoni, u b'hekk għal hafna xhur is-salina tkun deżert ta' melħ u trab abjad.

Ftit li xejn jista' jgħix fis-salina nnifisha, imma mad-dawra hemm diversi ambjenti u ħafna għadajjar ta' l-ilma fejn jgħixu annimali bħal **iljunfanti**, **ġiraffi**, **springboks**, **wildebeests**, **żebri**, **ngħam** (ostriches) u **oriks**. U naturalment hemm ukoll il-predaturi lesti biex jikluhom: **iljuni**, **ċita**, **leopardi**, **jeni**, **xakalli** eċċ. F'Etosha hemm ukoll popolazzjoni sabiħa ta' **rinoċeront iswed**, li qiegħda tikber (ħaġa rari).

Sfortunatament l-indħil tan-nies jinħass sew hawnhekk: il-park huwa kollu mdawwar b'ċint, bħal gaġġa. Peress li fil-madwar hemm ħafna rziezet u raba', iċ-ċint inbena biex l-annimali selvaġġi ma jiġux f'kuntatt ma' dawk domestiċi ħalli jiġi evitat tixtrid ta' mard. Barra minn hekk, ebda bidwi ma jieħu gost li xi iljun jagħmillu festa mill-baqar! Però l-annimali spiss jaħarbu mill-park, u l-liġi tan-Namibja tħalli lin-nies joqtlu kull annimal li jittanta jidħol fl-art tagħhom. Għalhekk qed isir ħafna sforz biex jinxtered tagħlim fost il-bdiewa biex jinstabu mezzi oħra kif jeħilsu minn viżitaturi mhux mixtieqa.








**rinoċeront iswed**



**iljun** (għadu fer[h])

# Pitazzi ġodda

Issib tixtrihom mill-Għadira, mis-Simar jew miċ-Ċentru tal-BirdLife f'Ta' Xbiex.




## Veru jew Falz?

1. L-istampi qegħdin apposta biex tagħtihom il-kulur. Veru ✓
2. Kull pitazz jiswa 10ċ. Veru ✓
3. S'issa għandna 3 għasafar differenti. Veru ✓ ✓ Good!

Hemm rohs ghal min jixtri kwantità. Ghal aktar taghrif ċempel lill-BirdLife fuq 21347646 (Mon-Fri 9am-1pm).